

31998R0708

31.3.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 98/21

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 708/98

tat-30 ta' Marzu 1998

**dwar it-teħid ta' ross li għadu fil-fosqda mill-aġenziji ta' intervent u l-iffissar ta' l-ammonti korrettivi u ż-żiediet u t-tnaqqis fil-prezz li għandhom jiġu applikati**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni tas-suq fir-ross<sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 192/98<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(b) tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 3072/95 jistipula li l-prezz ta' intervent għandu jiġi ffissat għal ross li għadu fil-fosqda ta' kwalità standard speċifika u li, jekk il-kwalità tar-ross offruta għall-intervent tkun differenti minn dik il-kwalità standard, il-prezz ta' intervent jiġi aġġustat billi jiġu applikati żidiet jew tnaqqis fil-prezz;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3073/95<sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-kwalità standardtar-ross li għadu fil-fosqda li għalih ġie ffissat il-prezz ta' intervent, waqt li jillimita l-ħtiġiet taħt l-arranġamenti ta' qabel;

Billi sabiex tiġi żgurata l-amministrazzjoni sodisfaċenti ta' intervent, kwantità minima għandha tiġi ffissata għal kull offerta; billi, iżda, għandhom isiru disposizzjonijiet sabiex jiġi ffissat limitu aktar għoli sabiex ikun jista' jingħata kont tad-drawwiet tan-negożju u kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu man-negożju bl-ingrossa ta' xi Stati Membri;

Billi ross li għadu fil-fosqda li l-kwalità tiegħu ma tippermettix l-użu addattat jew il-ħażna m'għandux jiġi aċċettat għall-intervent; billi meta tiġi ffissata l-kwantità minima, għandha tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-kondizzjonijiet tat-temp ta' ż-żoni fil-Komunità fejn jitkabbar ir-ross; billi sabiex ikun permess li jiġu meħuda lottijiet uniformi; għandu jiġi speċifikat li lott għandu jkun magħmul minn ross ta' l-istess varjetà ta' ross;

Billi, għall-applikazzjoni taż-żidiet jew tnaqqis fil-prezz, għandu jingħata kont tal-karatteristiċi bażiċi tar-ross li għadu fil-fosqda, li b'hekk tkun tista' ssir stima oġġettiva tal-kwalità tiegħu; billi l-kontenut ta' umdità, il-produzzjoni wara li jiġi pproċessat u d-difetti fil-qamħ jistgħu jiġu stmati b'metodi sempliċi u effettivi, li b'hekk titħares din il-ħtieġa;

Billi, sabiex l-iskema ta' intervent issir kemm jista' jkun sempliċi u effiċjenti, l-offerti għandhom jintbagħtu liċ-ċentru ta' intervent l-aktar viċin tal-post fejn l-oġġetti huma maħżuna u għandhom jiġi stipulati d-disposizzjonijiet dwar l-ispejjeż tat-transport tagħhom sal-maħżen fejn l-aġenzija ta' l-intervent tieħu pussess;

Billi l-verifiki biex jiġi żgurat li l-ħtiġiet dwar il-piż u l-kwalità ta' l-oġġetti offruti huma b'mod konformi għandhom jiġu stipulati b'mod preċiż; billi għandha ssir distinzjoni bejn, min-naħa 'l waħda, l-aċċettazzjoni ta' l-oġġetti offruti wara li jkun għew ivverifikati l-kwantità u l-korformità mal-ħtiġiet minimi ta' kwalità, u min-naħa 'l oħra, l-iffissar tal-prezz li għandu jitħallas lill-applikant wara li jkun saru t-testijiet meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-karatteristiċi preċiżi ta' kull lott fuq il-bażi ta' kampjuni rappreżentattivi;

Billi għandhom jiġu stipulati d-disposizzjonijiet speċifiċi applikabbli f'każijiet fejn l-oġġetti jiġu meħuda mill-aġenziji ta' intervent fl-imħażen ta' l-applikant; billi f'każi bħal dawn għandha ssir referenza lill-kontijiet tal-ħażniet ta' l-applikant, bla ħsara għal verifiki addizzjonali sabiex jiġi aċċertat li l-ħtiġiet tat-teħid mill-aġenziji ta' l-intervent jiġu mħarsa;

Billi dan ir-Regolament għandu jissostitwixxi lir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1528/96<sup>(4)</sup>; billi dak ir-Regolament għandu għalhekk jitħassar;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċerejali ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat mill-President,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

## Artikolu 1

1. Matul il-perjodu tax-xiri 'l għewwa ffissat skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95, kull detentur ta' lott ta' mill-inqas 20 tunnellata metrika ta' ross li għadu fil-fosqda li maħsud fil-Komunità għandu jiġi intitolat li joffri dak ir-ross lill-aġenzija ta' intervent. Lott għandu jkun magħmul minn ross ta' l-istess varjetà.

L-Istati Membri jistgħu jiffissaw kwantità minima aktar għolja.

<sup>(1)</sup> ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.

<sup>(2)</sup> ĠU L 20, tas-27.1.1998, p. 16.

<sup>(3)</sup> ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 33.

<sup>(4)</sup> ĠU L 190, tat-31.7.1996, p. 25.

2. Fejn lott jiġi mwassal f'diversi konsenji (bi trakk, b'barkun, bil-ferrovija, eċċ.) kull konsenja għandha tkun tikkonforma mal-karatteristiċi minimi meħtieġa, minkejja l-aħħar subpara-grafu ta' l-Artikolu 8(1).

#### Artikolu 2

1. Sabiex jiġi aċċettat għall-intervent, ir-ross li għadu fil-fosdqa għandu jkun ta' kwalità tajba u li jista' jiġi nnegozjat b'mod ġust.

	Ross tal-qamħa tonda	Ross tal-qamħa medja u twila Kodiċi NM 1006 10 94 u 1006 10 96	B ross tal-qamħa twila Kodiċi NM
Qamħa bajdanija	6	4	4
Qamħa bl-istrixxi ħomor	10	5	5
Qamħa ittikkjata	3	2	2
Qamħa mtebba'	1	0,75	0,75
Qamħa għanbra	1	0,50	0,50
Qamħa safranja	0,175	0,175	0,175
Impuritajiet differenti	1	1	1
Qamħa ta' ross ta' varjetajiet oħra	5	5	5

— il-livell ta' radjuattività ma jaqbiż il-livelli massimi permessi mill-leġislazzjoni tal-Komunità. Ir-ross għandu jiġi mmonitorjat għal tniġġiż radjuattiv biss jekk is-sitwazzjoni teħtieġ dan u għall-perjodu meħtieġ. Fejn meħtieġ, it-tul u l-iskop tal-miżuri ta' kontroll għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 3072/95.

#### Artikolu 3

1. Ross li għadu fil-fosdqa li fih aktar minn 0,1 % ta' impuritajiet imħallta jista' jinxtara biss bi tnaqqis fil-prezz ta' 0,02 % għal kull devjazzjoni addizzjonali ta' 0,01 %.

Impuritajiet differenti għandu jfisser materjal estranju appart minn ross li jikkonsisti minn materjal li ma jittikkilx, ħaxix jew materjal minerali mhux velenuż, u ġwież ieħor li jittiekel jew partijiet minnhom, insetti mejtjn u biċċiet taġħhom.

2. Ir-ross li għadu fil-fosdqa jitqies li jkun ta' kwalità tajba u li jista' jiġi nnegozjat b'mod ġust meta jkun meħlus mill-irwejjaħ u l-insetti ħajjin, u fejn:

- il-kontenut ta' l-umdità ma jaqbiż il-perċentwali stipulat fl-Anness I,
- il-produzzjoni wara l-ipproċessar ma tkunx anqas minn 14-il punt taħt il-produzzjoni bażiku stipulata fl-Anness II,
- il-perċentwali ta' qamħ li m'humix ta' kwalità difettuża kif definit fl-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 3073/95, il-perċentwali ta' impuritajiet differenti, il-perċentwali ta' qamħ tar-ross ta' tipi oħra u l-perċentwali ta' varjetajiet oħra ta' ross ma jaqbiż il-valuri massimi li ġejjin:

2. Ross li għadu fil-fosdqa li jkun fih aktar minn 3 % ta' varjetajiet oħra jista' jinxtara mill-intervet biss bi tnaqqis fil-prezz ta' 0,1 % għal kull devjazzjoni addizzjonali ta' 0,1 %.

3. Fejn il-kontenut ta' umdità tar-ross li għadu fil-fosdqa offrut għall-intervet jaqbeż dak stabbilit għall-kwalità standard ta' ross li għadu fil-fosdqa, it-tnaqqis fil-prezz li għandu jiġi applikat għandu jkun dak kif muri fl-Anness I.

4. Fejn il-produzzjoni wara li jiġi pproċessat ir-ross offrut għall-intervet tkun differenti mill-produzzjoni bażiku wara l-ipproċessar tal-varjetà kkonċernata kif stipulat fit-Taqsima B ta' l-Anness II, iż-żidiet u t-tnaqqis fil-prezz li għandu jiġi applikat għandhom ikunu dawk kif muri fit-Taqsima A ta' l-Anness II.

5. Fejn id-difetti fil-qamħ tar-ross li għadu fil-fosdqa offrut għall-intervet jaqbżu t-tolleranzi permessi għall-kwalità standard tar-ross li għadu fil-fosdqa, it-tnaqqis fil-prezz li għandu jiġi applikat għandu jkun dak kif muri fl-Anness III.

6. Iż-żidiet u tnaqqis fil-prezzijiet ta' hawn fuq għandhom jiġu kkalkolati billi jiġu applikati l-perċentwali murija fl-Annessi tal-prezz ta' intervent li jkun validu fil-bidu tas-sena tal-*marketing*. Għandhom jiġu applikati kumulattivament.

#### Artikolu 4

1. L-offerti kollha għall-bejgħ lill-intevent għandhom isiru bill-miktub lill-aġenzija ta' l-intevent skond il-forma mtella' minnha. Sabiex tkun eleġibbli, l-offerta għandu jkun fiha dan li ġej:

- l-isem ta' l-applikant,
- il-post tal-ħażna tar-ross offrut,
- il-kwantità, il-varjetà, il-karatteristiċi ewlenin u sena tal-ħsad tar-ross,
- iċ-ċentru ta' intervent li għalih issir l-offerta.

L-applikazzjoni għandu wkoll ikun fiha dikjarazzjoni li l-prodott oriġina fil-Komunità.

Għall-għanijiet ta' informazzjoni, l-applikant għandu jindika jekk sarux xi trattamenti ta' pestiċidi, u jispeċifika d-dożi użati.

L-aġenzija ta' intervent tista tqis bħala aċċettabbli offerta mibgħuta bil-miktub b'mezz ta' telekommunikazzjoni, b'dan illi jkun fiha l-partikolaritajiet kollha msemmija. F'dawk il-każi, l-aġenzija tista' tinsisti, iżda, li l-offerta tiġi segwita b'applikazzjoni bil-miktub li tiġi mwassla bil-posta jew bl-idejn direttament. Din l-applikazzjoni bil-miktub għandha tintfiehmem li ntbagħtet fil-jum li kienet ġiet riċevuta l-applikazzjoni bil-mezz telefoniku.

2. L-aċċettazzjoni ta' offerta mill-aġenzija ta' intervent għandha tkun nnotifikata lill-applikant fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tkun intbagħtet.

3. Fejn offerta tkun ineliġibbli, l-aġenzija ta' intervent għandha tavża lin-negozzjant rilevanti dwar dan il-fatt fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tkun intbagħtet l-offerta.

#### Artikolu 5

1. L-offerti kollha għandhom isiru lill-aġenzija ta' intervent fiċ-ċentru ta' intervent li hu l-aktar qrib tal-post fejn ikun ir-ross li għadu fil-fosdqa meta ssir l-offerta.

L-aktar post ta' intervent qrib ifisser iċ-ċentru li lejha jista' jiġi ttrasportat ir-ross li għadu fil-fosdqa bl-aktar nefqa baxxa. Dik in-nefqa għandha tiġi stabbilita mill-aġenzija ta' intervent.

2. In-nefqa tat-trasport ta' l-oġġetti mid-depost fejn huma maħżuna fiż-żmien li tintbagħat l-offerta sa l-aktar ċentru ta' intervent qrib kif identifikat skond il-paragrafu 1 għandhom jitħallsu mill-applikant.

3. Jekk l-aġenzija ta' intervent ma tieħux ir-ross li għadu fil-fosdqa fl-aktar ċentru ta' intervent fil-qrib identifikat skond il-paragrafu 1 in-nefqa addizzjonali tat-trasport għandha titħallsu mill-aġenzija ta' intervent.

#### Artikolu 6

1. L-aġenzija ta' intervent għandha tiffissa d-data u ċ-ċentru ta' intervent għat-twassil u għandha tavża lill-applikant dwar dan minnufih. Dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jiġu appellati mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn meta tiġi riċevuta din in-notifika.

It-teħid attwali għandu jsir mhux aktar tard mit-tieni xahar wara li tiġi riċevuta l-offerta u f'kull każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu tas-sena tal-*marketing* kurrenti. Fil-każ li ssir aktar minn konsenja waħda, l-aħħar parti tal-lott għandha tiġi kkonsenjata skond dan is-subparagrafu.

2. L-aġenzija ta' intervent għandha tieħu l-oġġetti fil-preżenza ta' l-applikant jew l-aġent debitament awtorizzat minnu.

3. Ir-ross offrut għandu jittieħed mill-aġenzija ta' intervent fejn il-kwantità minima u l-karatteristiċi stipulati fl-Artikoli 1 u 2 ikunu ġew stabbiliti mill-aġenzija ta' l-intevent jew l-aġent awtorizzat għall-oġġetti mwassla fil-maħżen ta' intervent skond l-Artikolu 8(1).

Fejn japplika l-Artikolu 7, id-data ta' teħid għandha tikkoinċidi mad-data li fiha kienu ġew iwwerifikati l-karatteristiċi minimi msemmija fid-dokument tat-teħid imsemmi fl-Artikolu 9.

4. Il-kwantità kkonsenjata għandha tiġi stabbilita skond il-piż fil-preżenza ta' l-applikant u rappreżentant ta' l-aġenzija ta' intervent, li m'għandu jkollu l-ebda relazzjoni ma' l-applikant.

5. Il-persuna responsabbli mill-maħżen tista' tirrappreżenta lill-aġenzija ta' intervent.

F'dan il-każ, l-aġenzija ta' intervent għandha twettaq verifika hi stess fi żmien 30 jum minn meta titlesta l-konsenja. Mill-inqas il-piż għandu jiġi vverifikat, billi jintuża kejl volumetrik.

Jekk il-kejl volumetrik jindika li:

- (a) il-piż huwa sa 6 % inqas mill-kwantità mniżżla fil-kontijiet tal-persuna responsabbli mill-maħżen, il-persuna responsabbli mill-maħżen għandha tħallas l-ispejjeż kollha li jirrelataw mal-kwantitajiet nieqsa kif imniżżla f'kull użin sussegwenti kkomparat ma' l-użin imniżżel fil-kontijiet (fit-teħid);
- (b) il-piż ikun aktar minn 6 % inqas mill-kwantitajiet imniżżla fil-kontijiet tal-persuna responsabbli mill-maħżen, l-oġġetti għandhom jiġu miżuna minnufih. L-ispejjeż ta' l-użin għandhom jitħallsu mill-persuna responsabbli mill-maħżen jekk il-piż stabbilit ikun anqas mill-piż imniżżel fil-kontijiet. Fil-każ oppost, l-aġenzija ta' intervent għandha tħallas l-ispejjeż ta' l-użin.

## Artikolu 7

1. L-aġenzija ta' intervent tista' tiegħu r-ross li għadu fil-fosdqa fil-post fejn huwa jkun maħżun meta ssir l-offerta pjuttost milli miċ-ċentru ta' intervent innominat mill-applikant.

2. F'dawn il-każi, il-kwantità tista' tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-kontijiet tal-ħażna – imtella' skond speċifikazzjonijiet professjonali u skond il-ħtiġiet ta' l-aġenzija - iżda:

— il-kontijiet jindikaw li piż stabbilit bl-użin, il-karatteristiċi tal-kwalità fil-waqt ta' l-użin, b'mod partikolari l-kontenut ta' umdità, xi trasferimenti minn barmil għall-ieħor, u xi trattamenti li jkunu saru. L-użin għandu jkun sar fl-10 xhur ta' qabel,

— il-persuna responsabbli mill-maħżen tiddikjara li l-lott offrut jaqbel f'kull dettal ma' l-informazzjoni li tinsab fil-kontijiet.

F'dan il-każ:

— il-piż li għandu jiġi rrekordjat għandu jkun il-piż imniżżel fil-kontijiet, aġġustat kif xieraq sabiex jagħti kont ta' kull differenza bejn il-kontenut ta' umdità stabbilit meta jkun sar l-użin u l-kontenut stabbilit fuq il-bażi tal-kampjun rappreżentattiv,

— l-aġenzija ta' intervent għandha twestaq verifika volumetrika fi żmien 30 jum mid-data tat-teħid. Kull differenza li tinsab bejn il-kwantità miżuna u l-kwantità stmata bil-metodu volumetrik ma tistax taqbeż is-6 %.

Jekk il-kejl volumetrik jindika li:

— il-piż huwa sa 6 % inqas mill-kwantità mniżżla fil-kontijiet tal-persuna responsabbli mill-maħżen, il-persuna responsabbli mill-maħżen għandha tħallas l-ispejjeż relatati mal-kwantitajiet nieqsa hekk stabbiliti fużin sussegwenti mqabbla mal-piż imniżżel fil-kontijiet (meta jsir it-teħid),

— il-piż huwa aktar minn 6 % inqas mill-kwantità mniżżla fil-kontijiet tal-persuna responsabbli mill-maħżen, il-persuna responsabbli mill-maħżen għandha twestaq użin minnufih. Il-persuna responsabbli mill-maħżen għandha tħallas l-ispejjeż ta' l-użin jekk il-piż li jiġi stabbilit huwa anqas mill-piż imniżżel. L-EAGGF għandha tħallas l-ispejjeż fil-każ oppost.

## Artikolu 8

1. Il-ħtiġiet ta' kwalità li għandhom jitħarsu għall-prodott li għandu jittieħed fl-intervent għandhom jiġu vverifikati kif ġej:

L-aġenzija ta' intervent għandha tiegħu kampjuni fil-preżenza ta' l-applikant jew l-aġent debitament awtorizzat minnu. Tliet kampjuni għandhom jittieħdu f'kull kampjonarju, maħsuba rispettivament għal:

— l-applikant,

— il-maħżen fejn għandu jsehh it-tehid,

— L-aġenzija ta' intervent. Dan il-kampjun għandu jgħaddi mit-test ta' l-aġenzija stess.

(a) F'każ ta' konsenja, għandhom jittieħdu kampjuni għal kull parti tal-konsenja (bi trakk, barkun, vagun ta' ferrovija, eċċ.) bil-proporzjon ta' kampjun wieħed għal kull 10 tunnellati metriċi ta' ross.

Il-kondizzjonijiet mitluba għandhom jiġu vverifikati fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv għal kull parti tal-konsenja. Il-kampjun rappreżentattiv għandu jkun magħmul mill-kampjuni maħsuba għall-maħżen.

(b) Fejn japplika l-Artikolu 7, l-i-verifika li jsir waqt it-teħid fil-maħżen ta' l-applikant, għandu jkun fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv tal-lott offrut. Dan il-kampjun rappreżentattiv għandu jikkonsisti mir-risultat medju tal-kampjuni maħsuba għall-maħżen. In-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu jiġi miksub billi l-kwantità tal-lott offrut jiġi diviż b'20; iżda kampjun rappreżentattiv m'għandux jikkonsisti minn aktar minn 20 kampjun.

Il-verifika għandha tistabbilixxi li l-prodotti jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi ta' kwalità. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-lott m'għandux jittieħed.

F'każ ta' konsenja, qabel mal-lott jidħol fil-maħżen ta' intervent, l-eżami ta' kull parti ta' konsenja jista' jiġi ristrett għal verifika tal-kontenut ta' l-umdità u l-livell ta' impurità u verifika li ma hemm l-ebda insetti ħajjin preżenti. Jekk, iżda, aktar tard jidher meta l-verifika tiġi ffinalizzata, li parti tal-konsenja ma tkunx tissodisfa l-ħtiġiet minimi tal-kwalità, it-teħid tal-lott għandu jiġi rrifjutat. Il-lott kollu għandu jiġi rtirat għas-spejjeż ta' l-applikant.

Jekk l-aġenzija ta' intervent fi Stat Membru tkun tista' tivverifika l-ħtiġiet minimi kollha ta' kwalità għal kull parti tal-konsenja qabel ma tidħol fil-maħżen, għandha tirrifjuta li tiegħu kull parti ta' konsenja li ma tilħaqx dawn il-ħtiġiet.

2. Fejn l-oġġetti jiġu aċċettati, la darba jkun twestaq l-eżami skond il-paragrafu 1, il-karatteristiċi speċifiċi ta' l-oġġetti għandhom jiġu identifikati sabiex jiġi stabbilit il-prezz li għandu jthallas lill-applikant. Dan il-prezz għandu jiġi stabbilit għal-lott offrut fuq il-bażi tal-medja influwenzata tar-risultati tat-test għall-kampjuni rappreżentattivi kif definiti fil-paragrafu 1.

Ir-risultati tat-testijiet għandhom jiġu mgħarrfa lill-applikant fir-rekord tat-teħid li hemm ipprovdut għalih fl-Artikolu 9.

3. Jekk l-applikant jikkontesta r-riżultat tat-test li jkun sar sabiex jiġi ddeterminat il-prezz skond il-paragrafu 2, laboratorju approvat mill-awtoritajiet kompetenti għandu jagħmel analiżi ddettaljata oħra tal-karatteristiċi ta' l-oġġetti billi jintużaw kampjuni rappreżentattivi magħmula ugwalment minn kampjuni miżmuma mill-applikant u mill-maħżen. Il-medja influwenzata tar-riżultat tat-test għal dawn il-kampjuni rappreżentattivi għandha tipprovdi r-riżultat.

Ir-riżultat ta' dawn l-analiżi għandu jkun finali u għandu jiddeċiedi l-prezz li għandu jitħallas lill-applikant. L-ispiża sabiex isiru dawn l-analiżi l-ġodda għandhom jitħallsu mill-parti li tiflew.

#### Artikolu 9

Rekord tat-teħid għandu jittella' mill-aġenzija ta' intervent għal kull lott. L-applikant jew ir-rappreżentant tiegħu jistgħu jkunu preżenti meta jkun qiegħed isir ir-rekord.

Għandu jindika:

- Id-data li fiha ġew ivverifikati l-kwantità u l-karatteristiċi minimi,
- Il-varjetà u l-piż imwassal,
- In-numri ta' kampjuni meħuda sabiex jagħmlu l-kampjun rappreżentattiv.
- Il-karatteristiċi fiżiċi u kwalitattivi nnotati.

#### Artikolu 10

1. Il-prezz li għandu jitħallas lill-bejjiegħ għandu jkun dak iffissat skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 għall-oġġetti mwasslin mhux maħtuta fid-depost ta' ħażna u validu fid-data ffissata bħala l-ewwel data ta' konsenja, waqt li jittieħed kont tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 dwar l-ispejjeż tat-trasport u ż-żidiet u t-tnaqqis tal-prezzijiet li għalihom jipprovdu l-Annessi I sa III.

Fejn ir-ross jittieħed fil-maħżen ta' l-applikant skond l-Artikolu 7, il-prezz li għandu jitħallas għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz ta' intervent validu fid-data li għet aċċettata l-offerta, aġġustat skond iż-żidiet u t-tnaqqis ta' prezzijiet applikabbli, u mnaqqas bl-ispejjeż l-aktar vantaġġjużi ta' trasport bejn il-post fejn jittieħed ir-ross li għadu fil-fosdqa u l-

aktar ċentru ta' intervent fil-qrib kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), u bl-ispejjeż ta' tneħħija mill-ħażna. Dawk l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti mill-aġenzija ta' intervent.

2. Il-ħlas għandu jsir bejn it-32 u s-37 jum wara l-jum tat-teħid imsemmi fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament. Fejn japplika l-Artikolu 8(3), il-ħlas għandu jsir kemm jista' jkun malajr wara li jiġu nnotifikati r-riżultati ta' l-aħħar test lill-applikant.

Fejn l-applikanti għandhom jibagħtu fattura qabel ma jkunu jistgħu jitħallsu u fejn din il-fattura ma tintbagħatx fiż-żmien stipulat fil-paragrafu preċedenti, il-ħlas għandu jsir fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mis-sottomissjoni attwali tal-fattura.

#### Artikolu 11

Operaturi li jaħżnu l-prodotti mixtrija 'l ġewwa għan-nom ta' l-aġenzija ta' intervent għandhom jisorveljaw regolament il-presenza u l-istat ta' preservazzjoni tagħhom u għandhom javżaw lill-aġenzija minnufih dwar kull problema f'dan ir-riġward.

L-aġenzija ta' intervent għandha tivverifika l-kwalità tal-prodott maħżun mill-inqas darba fis-sena. Kampjunar għal dan il-għan jista' jsir waqt li jkun qed isir l-inventarju ta' kull meħtieġ bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/96 <sup>(1)</sup>.

#### Artikolu 12

L-aġenziji ta' intervent għandhom, fejn meħtieġ, jadottaw proċeduri addizzjonali u kondizzjonijiet għat-teħid, kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, biex jingħata kont ta' kull kondizzjoni speċjali li tipprevali fl-Istat Membru li għalih jappartjenu.

#### Artikolu 13

Ir-Regolament (KEE) Nru 1528/96 huwa b'dan imħassar.

#### Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 288, tad-9.11.1996, p. 6.

## ANNEX I

## TNAQQIS FIL PREZZ LI JIRRELATA MAL KONTENUT TA' UMDITÀ SKOND IL PERĊENTWALI

Rata	Tnaqqis
<i>Sena tal-marketing 1997/98</i>	
Minn 13 sa 15 %	Imnaqqas bil-perċentwali ugwali għall-perċentwali tal-kontenut ta' umdità li jeċċedi t-13 %
<i>Mis-sena tal-marketing 1998/99</i>	
Minn 13 sa 14,5 %	Imnaqqas bil-perċentwali ugwali għall-perċentwali tal-kontenut ta' umdità li jeċċedi t-13 %

## ANNEX II

A. **Żidiet u tnaqqis ta' prezzijiet li jrerrelataw mal-produzzjoni wara li jiġi l-ipproċessar**

Produzzjoni minn ross fil-fosdqa fil-forma ta' qamħa sħiħa ta' ross mitħun	Żidiet jew tnaqqis fil-prezzijiet għal kull unità ta' produzzjoni
Aktar mill-produzzjoni bażika Taħt il-produzzjoni bażika	Żieda fil-prezz ta' 1 % Tnaqqis fil-prezz ta' 1 %
Produzzjoni totali minn ross li għadu fil-fosdqa fil-forma ta' ross mitħun	Żidiet jew tnaqqis fil-prezzijiet għal kull unità ta' produzzjoni
Aktar mill-produzzjoni bażika Taħt il-produzzjoni bażika	Żieda fil-prezz ta' 0,80 % Tnaqqis fil-prezz ta' 0,80 %

B. **Produzzjoni bażika wara l-ipproċessar**

Deskrizzjoni tal-kwalità tar-ross	Produzzjoni f'qamħa sħiħa( %)	Produzzjoni totali( %)
Carillon	65	69
Argo, Selenio, Couachi	64	71
Alpe, Balilla, Balilla GG, Balilla Sollana, Bomba, Bombon, Colina, Elio, Frances, Lido, Liso, Matusaka, Monticili, Pegonil, Strella, Thainato, Thaiparla, Ticinese, Veta, Leda, Mareny, Clot, Albada, Guadiamar	63	71
Ispaniki A, Makedonia	62	71
Europa, Loto, Riva, Rosa Marchetti, Veneria	61	70
Tolima	61	69
Inca	61	68
Ar me	60	71
Alfa, Ariete, Bahia, Carola, Cigalon, Corallo, Cripto, Cristal, Drago, Girona, Graldo, Indio, Italico, Jucar, Korral, Lago, Lemont, Miara, Molo, Navile, Niva, Onda, Padano, Panda, Pierina, Marchetti, Ribe, Ringo, Rio, S. Andrea, Senia, Sequial, Smeraldo, Star, Stirpe, Vela, Vitro, Calca, Dion	60	70
Strymonas	60	69
Anseatico, Arlesienne, Baldo, Belgioioso, Betis, Euribe, Italpatna, Marathon, Redi, Ribello, Rizzotto, Rocca, Roma, Romanico, Romeo, Tebre, Volano	59	70
Bonnet Bell, Rita, Silla, Thaibonnet, L 202, Puntal	58	70
Evropi, Melas	58	68
Arborio, Arlatan, Blue Belle, Blue Belle 'E', Blue Bonnet, Calendal, Razza 82, Rea	56	70

Deskrizzjoni tal-kwalità tar-ross	Produzzjoni f'qamħa sħiħa( %)	Produzzjoni totali( %)
Cesariot, Maratelli, Precoce Rossi	56	68
Carnaroli, Elba, Vialone Nano	55	70
Delta	55	68
Axios	55	65
Roxani	55	64
	54	69
Irat 348, Mana	45	65
Pygmalion	50	69
Varjetajiet mhux speċifikati	63	71



## ANNEX III

## TNAQQIS FIL-PREZZ GĦAL QAMĦA DIFETTUŻA

sena tal-marketing 1996/97:

Difetti	Perċentwali ta' difetti			Tnaqqis
	Ross bil-qamħa tonda Kodiċi NM 1006 10 92	Ross bil-qamħa tawwalija medja u A Kodiċi NM 1006 10 94 u 1006 10 96	Ross bil-qamħa tawwalija B Kodiċi NM 1006 10 98	
Bajdani	Minn 2,5 sa 6 %	Minn 2,5 sa 4 %	Minn 2 sa 4 %	1 % kull 1/2 punt
Bi strixxi ħomor	Minn 1 sa 10 %	Minn 1 sa 5 %	Minn 1 sa 5 %	1 % kull punt
Ittikkar	Minn 0,5 sa 3 %	Minn 0,5 sa 2 %	Minn 0,5 sa 2 %	1,25 % kull 1/2 punt
Imtebba'	Minn 0,25 sa 1 %	Minn 0,25 sa 0,75 %	Minn 0,25 sa 0,75 %	1,25 % kull 1/4 punt
Ghanbar	Minn 0,05 to 1 %	Minn 0,05 sa 0,50 %	Minn 0,05 sa 0,50 %	1,25 % kull 1/4 punt
Safrani	Minn 0,02 sa 0,175 %	Minn 0,02 sa 0,175 %	Minn 0,02 sa 0,175 %	6 % kull 1/8 punt

Mill-1997/98:

Difetti	Perċentwali ta' difetti			Tnaqqis
	Ross bil-qamħa tonda Kodiċi NM 1006 10 92	Ross bil-qamħa medja u tawwalija A Kodiċi NM 1006 10 94 u 1006 10 96	Ross bil-qamħa tawwalija B Kodiċi NM 1006 10 98	
Bajdani	Minn 2 sa 6 %	Minn 2 sa 4 %	Minn 1,5 sa 4 %	1 % kull 1/2 punt
Bi strixxi ħomor	Minn 1 sa 10 %	Minn 1 sa 5 %	Minn 1 sa 5 %	1 % kull punt
Ittikkar	Minn 0,5 sa 3 %	Minn 0,5 sa 2 %	Minn 0,5 sa 2 %	1,25 % kull 1/2 punt
Imtebba'	Minn 0,25 sa 1 %	Minn 0,25 sa 0,75 %	Minn 0,25 sa 0,75 %	1,25 % kull 1/4 punt
Ghanbar	Minn 0,05 sa 1 %	Minn 0,05 sa 0,50 %	Minn 0,05 sa 0,50 %	1,25 % kull 1/4 punt
Safrani	Minn 0,02 sa 0,175 %	Minn 0,02 sa 0,175 %	Minn 0,02 sa 0,175 %	6 % kull 1/8 punt